TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1687

KAZ NRU. 2273

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Edward Briffa

u

Meridian Art International Ltd.
gia Image Direct International Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 27 ta' Marzu 2006

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'nota prezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fis-26 ta' April 2005.

It-Tribunal zamm sitt seduti.

Edward Briiffa, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Matthew Brincat waqt li ghal Meridian Art International Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", deher is-Sur Jamie Mather assistit mill-Avukat Peter Fenech.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant ikkontenda li, wara li l-impieg tieghu gie terminat minhabba "redundancy", il-Kumpanija naqset li terga timpjegah meta l-post rega' kien ottjenibbli fi zmien sena mit-terminazzjoni bi ksur ta' l-Artiklu 36(3) ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. Dan ghaliex il-Kumpanija kienet qed tirreklama ghal impieg fil-kariga li hu kien jokkupa.

Il-Kumpanija qalet li t-talba ta' l-appellant hija nfondata ghaliex din il-kwistjoni diga giet deciza mit-Tribunal fis-16 ta' Frar 2005 (Decizjoni Nru 1585) u li riklam ghal impieg, li fuqu qed jibbazza l-kaz tieghu l-appellant, kien sar aktar minn xaharejn qabel ma spicca l-appellant u kien jirreferi ghal impieg fir-Russja.

Kien gie stabbilit mit-Tribunal, diversament presedut, li l-impieg ta' l-appellant kien gie terminat ghal raguni ta' "redundancy". Ghalhekk it-Tribunal kellu jikkonsodra jekk il-post li klien jokkupa l-appellant kienx ottjenibbli fi zmien sena mit-terminazzjoni.

Mix-xhieda u mid-dokumenti prezentati jirrezulta li :

It-Tribunal precedenti fid-Decizjoni Numru 1585 qal li "Gie pruvat ampjament li l-appellant sar superfluwu ghall-bzonnijiet tal-Kumpanija Appellata wara din ir-rijorganizzazzjoni jew ahjar ir-*re-engineering* tal-prattici tan-negozju fl-operat taghha".

Ir-riklam kien pubblikat fi Frar 2004 jew aktar minn xaharejn qabel it-terminazzjoni.

Fir-reklami fil-gazzetta u fuq il-Website hemm referenza ghal Manager Customer Services (multilingual) u ghal Manager biex jikko-ordina teams fil-warehouse u distribution centre rispettivament kif ukoll kliem fis-sens li l-Kumpanija qed tespandi l-operazzjonijiet taghha f'Malta u l-istaff Malti. B'dana kollu kemm fix-xhieda waqt il-kaz precedenti kif ukoll f'dan gie konfermat minn diretturi u mpjegati tal-Kumpanija li din il-pozizzjoni ta' Manager kienet tikkoncerna mpieg f'Moscow.

Il-Kumpanija, ghal diversi ragunijiet, ittrasferit l-bicca l-kbira ta' l-operazzjonijiet taghha ghal Moscow fejn titwettaq il-maggoranza tal-logistika u fejn hemm staff sostanzjali. L-operazzjoni f'Malta tnaqqset u kien hemm terminazzjoni ta' impiegi ohrajn. F'Malta baqa biss zewg persuni jahdmu fid-distribuzzjoni u persuna ohra tghin ghal nofs il-hin taghha.

Minn meta gie terminat l-impieg ta' l-appellant ma kienx hemm il-htiega li jigi mpjegat haddiehor fil-kariga li kellu u fil-fatt ma gie mpjegat hadd minnfloku.

It-Tribunal, wara li kkonsidra ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jiddeciedi li l-Kumpanija ma kisretx id-dispozizzjonijiet ta' l-Artiklu 36(3) ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u ma jilqax l-appell.

It-Tribunal jiddikjara li ma kienx possibbli li jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba limitazzjoni ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghal finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta'Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Ghas/ Segretarju .